MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1982/2004

**“Waldorf Auto Services Co. Ltd.” (C-4743) gia bl-isem ta’ “Waldorf Car Hire Ltd.”**

**vs**

**Driveline Services Limited (C-23116)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Ottubru, 2004 fejn intalab il-hlas ta’ elf mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm1222.31) rapprezentanti:**
**a. in kwantu ghal disgha u ghoxrin lira u hamsin centezmu (Lm29.50) dovuti bhala parts u tiswijiet li saru mis-socjeta` attrici fuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni LCF-638;**

**b. in kwantu ghal sebghin lira (Lm70) dovuti bhala multi fuq l-imsemmija vettura, liema multi gew imhallsa mis-socjeta` attrici;**
**c. in kwantu ghal mitejn u sitta u tmenin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm286.33) dovuti bhala kirja tal-vettura hawn fuq imsemmija dovuta mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici;**
**d. in kwantu ghal tmien mija u sitta u tletin lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm836.48) dovuta bhala penali minhabba terminazzjoni tal-kirja tal-vettura hawn fuq imsemmija qabel iz-zmien miftiehem;**
**Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Awissu, 2004 kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mitejn u tnejn u ghoxrin lira Maltija u wiehed u tletin centezmu (Lm1222.31), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Awissu, 2004, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------